**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D**

**Appell Nru: 89 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Delia**

Illum, 15 ta' Frar, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Delia ta' 30 sena detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 574785 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fl-24 ta' Mejju 2016 u/jew fil-granet ta' wara, minn gewwa dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Ford mudell Transit kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro u/jew persuni ohra; liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bix-xorti tal-haga misruqa tal-261 (b) (c) (f) (g), 263 (a), 267, 270, 271 (g), 279 (b), 280 (2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistat b' reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi vann Ford Transit bin-numri ta'

registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro u dan skond Art 334 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 16:15hrs b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura ta' ghamla Kia bin-numri ta' registrazzjoni BCD-625 ghad-dannu ta' Alison Harmsworth skond Art. 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

4. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta tal-16:15hrs b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura ta' ghamla Ford Transit bin-numri ta' registrazzjoni EBS-305 ghad-dannu ta' George Montanaro skond Art. 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

5. Fit-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta tal-16:15hrs saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 tal-ghamla Ford Transit minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita' kompetenti u wkoll saqha b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz bi ksur tal-Sez 15 (1) (a), 15 (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6. Kif ukoll talli fl-istess data, f' dawn il-gzejjer uza jew gieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS-305 tal-ghamla Ford Transit fit-toroq kemm –il darba, meta ma sehhitx polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-Art.3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D fl-20 t' Ottubru, 2015 ;

8. Ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Vella LL.D fl-14 t' April, 2016 ;

9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D fit-2 ta' Frar, 2015 ;

10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrat kif preseduta mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D fl-4 ta' Frar, 2015

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Wayne Delia bhala recidiv a tenur ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-26 ta' Mejju, 2017 (esebita a fol. 405 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1) Fl-artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 264, 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2) u 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Fl-artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Fl-artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Fl-artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Fl-artikolu 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Fl-artikoliu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Fl-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) Fl-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12) Fl-artikoli 17, 20, 31, 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Mejju 2017 u senjatament l-Artikoli 334 (a), 279 (b), 328 (d), 49, 50, 17, 20, 31, 542 A, 532 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu erba' (4) snin prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1) mill-llum. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tminn (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' Elfejn seba' mija tlettax –il Ewro u sitta u erbghin Ewro centezmi (€2713.46c)2 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti Wayne Delia minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu li ma sabitux hati tal-ewwel (1), tat-tminn (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement gie liberat minnhom u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tat-tieni(2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' erba'(4) snin prigunerija u minflok tinfliggi piena ekwa u gusta jew piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell.

Rat illi fl-20 ta' Ottubru, 2020[1] l-apellant talab minghajr pregudizzju ghal mertu tal-appell li din il-Qorti tikkonvereti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 527 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li jissodisfa r-rekwiziti ta' dan l-istess artikolu.

Rat illi s-seduta tas-17 ta' Novembru, 2020[2] l-appellant talab li jigi ezaminat minn *clinical psychologist* u dan sabiex isahhah it-talba tieghu dwar konverzjoni izda limitatament sabiex dan ir-rapport ikun fil-process meta din il-Qorti tigi biex taghti d-decizjoni taghha. Rat li l-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali talba kif jirrizulta min qari tal-istess verbal.

Rat li l-Qorti ghaddiet tinnomina lil Mariella Swain bhala clinical psychologist izda nhar l-24 ta' Novembru, 2020 tali nomina giet revokata u s-sinjura Swain giet sostwita mill-psikologa Dr. Roberta Holland.

---

[1] Fol. 528 tal-atti processwali
[2] Fol. 530 tal-atti

Rat in-nota ta' Wayne Delia prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Novembru, 2020 fejn stqarr li r-reati li taghhom jinsab akkuzat l-appellant ma jeccedux sebgha snin prigunerija stante li l-akkuzi odjerni igorru piena massima ta' erbgha snin prigunerija. Stqarr ukoll li s-sub artikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Kap 537 jinsab sodisfatt stante li r-reati li bihom l-appellant instab hati huma sostanzjalment attribwiti ghal dependenza pruvata ta' droga. In oltre stqarr li r-reati li bihom l-appellant gie misjub hati ma jikkonsistux f'reati volontarji konta l-persuna jew fatt kriminali imwettaq waqt li kien fil-pusess ta' armi regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv u li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-appellant x'aktarx gie rijabilitat mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamel progress jew sforz sostanzjali sabiex jehles mid-dependenza mid-droga.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2020 xehdet **Dr Roberta Holand** u pprezentat ir-relazzjoni taghha. Minn analizi tar-rapport taghha  u cioe minn analizi ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li waqt l-intervista klinika dak li rrizulta mill-assessjar strutturat u anke minn dik migbura minn sorsi ohra wiehed jikkonkludi li l-appellant kellu disordni fl-uzu tad-droga Cannabis bejn is-snin 2001 u 2006 u dik ta' Eroina u Kokaina bejn 2007 u 2020. Mill-istess analizi ikkonkludiet li l-appellant kien dipendenti fuq dawn id-drogi.

Tkompli tispjega li skond id-djanosi tad-DSM -5, id-disordni fl-uzu kien ta' livell sever fejn huwa kkarma izjed minn sitt kriterji indikati ghat-tlett sutanzi. Il-klassifikazzjoni finali hija ta 'Severe Cannabis Use Disorder', 'Severe Heroine diorder' u  'Severe Cocaine Use Disorder'. Jidher li l-oqsma li dehru s-sintomi kienu f'dawk ta' nuqqqas ta' kontroll fl-uzu, diffikoltajiet fil-qasam socjali, uzu riskjuz u diffikoltajiet farmakologici.

Simili ghal dan, id-djanosi permezz tal- ICD-10 l-appellant kklasifika li kellu sindromu ta' dipendenza mis-sustanzi. Huwa mmarka kwazi l-kriterji kollha bil-klasifikazzjoni

permezz ta' l-ICD hija ta' '*Mental and behavioral disorder due to multiple drug use and use of other psychoactive substances.*'

Bhala riskju ta' reati ohra fil-futur jidher car ir-rikors ta' involviment kriminali tieghu kien fil-perjodu fejn huwa kien jabbuza mill-Eroina u Kokaina. Fl-istorja tieghu hemm diversi fatturi li juru li r-reat odjern kien relatat ma l-istil ta' hajja tal-appellanti li kien jinkludi disordni fl-uzu minn diversi sustanzi u cioe mid-dipendenza mid-droga.

Mill-assesjar hareg ukoll li hemm ragunijiet oggettivi li l-appellant tejjeb is-sitwazzjoni tieghu f'dan il-qasam, li ghamel progress u li ghamel passi sabiex jirrijabilita ruhu f'dawn l-ahhar xhur. Dan kien kemm f'aspett ta' mgieba u anke t'attitudni. Wiehed ma jistax ma jinnotax pero li dan il-progress sehh fuq perjodu relattivament qasir, u f'ambjent kontrollat. Jidher li ddecieda li jaghmel uzu mill-fatt li spicca l-habs u li uza din l-esperjenza b'mod kostruttiv. Ghalhekk wiehed irid jistenna u jara li dan il-progress ikompli ghaddej ghal xi zmien iehor, u li anke jkompli ghaddej meta l-appellant isib ruhu fil-komunita. Dan sabiex wiehed jkun jista jaccerta ruhu li l-bidla kienet genwina u definittiva. Waqt l-intervista klinika, l-appellant wera li genwinament lest li jissottometti ruhu ghal kundizzjonijiet mehtiega sabiex finalment jgheleb il-vizzju tad-droga u li din hija x-xewqa tieghu. Esprima ukoll ix-xewqa li jzomm 'l boghod mill-elementi kriminogenici, u mill-kriminalita sabiex jkun jista jerga jghix hajja xierqa u trankwilla. Tghid ukoll li wiehed ghandu jittama li jkompli jikkonsidra il-hsibijiet u intenzjonijiet pozittivi li qieghed jesprimi b'mod konkret u permezz ta' l-imgieba tieghu u attitudni tieghu fil-futur.

Min aspett ta' bzonn ta' intervent, jidher li l-qasam tad-droga huwa wiehed predominanti. Ghal dan ikun ta' beneficcju jekk l-appellant jibqa' f'kuntatt ma agenziji ta' rijabiltiazzjoni tad-droga. L-ghazla bejn is-sessjonijiet fil-komunita, programm filghaxija li permezz tieghu l-appellant ikun jista jahdem, jew inkella programm residenzjali, tiddependi primarjament mill-appellant innifsu u l-abilta tieghu li izomm 'l boghod mid-droga, izda tiddependi ukoll mill-parir ta' nies professjonali minn tali

agenziji. Bhal issa ma esprimiex xewqa li jsegwi programm residenzjali u ghalhekk jidher li huwa jibbenifika minn Evening Programme, sabiex ikun jista' jkompli bir-rijintegrazzjoni tieghu fis-socjeta. Izda kif intqal dan jiddependi mill-fatt li huwa jibqa' astinenti mid-droga u mill-pariri li jinghata. Huwa stqarr li jekk programm residenzjali ikun kundizzjoni min naha tal-Qorti, huwa lest li isegwih. Minn aspett prattiku sorveljanza permezz ta' testijiet  tossikologici jghinu sabiex wiehed jassigura li huwa jibqa' miexi sew.

Rigward sahha mentali jidher car li dan huwa aspett li l-appellant ghandu bzonn jindirizza u jibqa' taht il-kura tal-konsulenti psikjatrici tieghu u t-tim taghhom. Psikologikament jibbenifika minn sessjonijiet tat-terapija. Fil-prezent filwaqt li jibqa' arrestat huwa jista jattendi sessjonijiet sabiex jkompli jtejjeb il-motivazzjoni u sabiex la darba jkun rilaxxjat, ikompli jikkonsolida l-process ta' rijabilitazzjoni u rijintegrazzjoni. Jibbenifika ukoll billi jindirizza aspetti bhal emozzjonijiet, kemm dawk li gejjin minn wegghat tal-passat u anke jekk hemm bzonn dawk ta' espressjonijiet ta' rabja u hiliet ta' kif jindirizza u jirrisolvi sitwazzjonijiet difficli fil-hajja.

Nhar is-16 ta' Frar 2021 regghet xehdet **Dr Roberta Holland** u spjegat li l-appellant kien segwit minn ftit jiem wara li kien irrilaxxjat mill-Agenzija ghas-servizzi Korrettivi jigifieri minn madwar it-tieni gimgha ta' Dicembru 2020. Kien hemm diversi komunikazzjoni mieghu permezz ta' telefon fejn huwa kien jinforma lilha  dwar l-andament tieghu u jiddiskuti xi affarijiet ohra relevanti. Fl-istess zmien kien beda ukoll sessjonijiet fi hdan is-Sedqa ma Lisa Bonaci (Key worker). Saret komunikazzjoni ma Ms Lisa Bonaci sa minn Dicembru.

Matul Dicembru huwa kien mirxi tajjeb kien iqatta' l-hin tieghu l-izjed ma missieru u kien qed jahdem ukoll.

F'telefonata li saret fis-6 ta' Jannar, 2021 l-appellant informa lis-sottoskritta li kienu waqfuh mix-xoghol skond hu meta kellu jipproduci xi dokument inkluz ir-record krimnali tieghu. L-ghada kellu laqgha ma Lisa Bonaci.

Fil-bidu tat-tielet gimgha ta' Jannar 2021 hija giet infurmata li l-appellant dahal Mater Dei fejn qatta' jumejn u imbaghad dahal Monte Carmeli. Fit-23 ta' Jannar saret komunikazzjoni mieghu fl-isptar Monte Carmeli sal-gurnata ta' llum, saru diversi komunikazzjoni mieghu inkluz skype call u diversi komunikazzjoni ma professjoni ohra inkluz Ms Lisa Bonaci u Stephanie mill-Caritas.

Jidher li l-appellant kellu relapse u skond hu irrefera lilu innifsu ghal kura fic-centru tas-sahha tal-Furjana fejn minn hemm dahal l-isptar Monte Carmeli. Ghalkemm kontra qalbu l-appellant accetta li l-ahjar t-triq li huwa jibqa l-isptar sa kemm jista jidhol programm residenzjali tal-Caritas. Mill-komunikazzjoni li saret mal-Caritas dawn ser jiddiskutu l-kaz tieghu u l-possibilita li jidhol isegwi programm nhar il-Hamis 18 ta' Jannar, 2021.

F'dan l-istadju wiehed irid jistenna l-ezitu ta' din id-diskussjoni u jittama li jkun accettat fil-progamm. Din tidher l-ahjar soluzzjoni bhalissa peress li jidher li r-riskju ta' *relapse* ghadu pendenti u jidher ukoll li l-appellant ghandu bzonn il-kura professjonali. Il-qasam tad-droga jidher li huwa l-aspett l-izjed urgenti u wiehed jittama li permezz ta' programm residenzjali huwa jkun jista jindirizza diffikoltajiet ohra relatati ma aspetti personali u dawk li iresquh lejn l-uzu tad-droga.

Nhar it-23 ta' Frar, 2021 regghet xehdet u spjegat li kienu ser itellghu lill-appellant biex jibda il-programm u b'hekk fisret li kien ghadu '*on the right track*'. Kien baqa' id-DDU u kien herqan biex imur ghall-programm u minn naha taghhom accettawh. Kien qieghed clean ukoll. Il-programm ghandu 6 gimghat fix-shelter u wara programm ta' sitt xhur.

Semghet lil **Helenio Galea** jixhed in rapprezentanza tal-habs u dan nhar id-9 ta' Dicembru 2020[3] u stqarr li mit-testijiet li ghamlu fuq l-appellant f'dawn l-ahhar erba' snin ghal presenza ta' droga erbgha minnhom taw rizultat posittiv ghal tali presenza u cioe ghad-droga Eroina u Kokaina. Ghamlulu zewg testijiet ohra f'Gunju 2020 u f'Novembru 2020 u t-tnejn taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

Semghet lil **Dr Anthony Dimech** jixhed nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fejn dan stqarr li l-appellant ilu li sar jafu sa mis-sena 2009 u fil-fatt jghid li gieli kien rikoverat l-isptar tahtu u dan dwar il-problema li ghandu dwar dipendenza ta' droga. Kien jghamel gimghat shah l-isptar. Qal li l-problema tieghu hija wahda severa u kumplikata ukoll mill-problemi forensici li akkumulaw matul iz-zmien. Ghal dawn l-ahhar snin pero ma kienx tahtu minhabba li kien qed jigi kurat minn psikjatra iehor u anke kien ghamel perjodu l-habs u ghalhekk taht il-psikjatra tal-habs.

Qal li f'Malta ma hemmx servizzi forensici li jghinu l-persuna li tibqa' toffendi fil-kuntest ta' problema ta' sahha mentali '*beyond the period of incareration'* jigifieri mill-*punto di visto* tieghu Wayne huwa ukoll vitma ta' nuqqas ta' servizzi li jezistu barra u li hawn Malta qatt ma kellhom cans jizviluppaw tant li hemm anke problema biex jittrejnjaw psikajtrici godda f'dan il-qasam.

Qal li Wayne ghamel zmien taht il-kura ta' Dr Anton Grech u Dr Joseph Spiteri. Huwa rah ricentement ghaliex kien talab li jerga jmur taht il-kura tieghu u ghalhekk rah darba jew tnejn fejn deher motivat li jerga jipprova jghamel pjan li jiffoka fuq il-problemi ta' droga tieghu imma minhabba cirkostanzi ohra ma kienx hemm ic-cans li dan jitwettaq.

Nhar id-9 ta' Dicembru, 2020 xehed l-appellant u stqarr li meta dahal il-habs fis-sena 2020 ma kellux job. Qal li l-genituri tieghu ghandhom 63 u 64 u huma pensjonanti u

---

3

jghix b'dak li ituh. Ikkonferma li proprjeta m'ghandux u peress li qieghed il-habs lanqas *social asistance* ma jircievi. Il-Gvern jghatih €90 fil-gimgha bhala assistenza. Flus il-bank m'ghandux u lanqas tfal m'ghandu. Jghid li huwa single.

**Dr Joseph Spiteri** xehed nhar is-16 ta' Frar, 2021 u spjega li ilu jaf lill-appellant ghal diversi snin meta kien il-psikjatra tal-habs u kien jikkurah ghal xi kundizzjoni ta' depression u anke ta' mgieba li tkun relatata ma l-istess. Madankollu dawn l-ahhar sentejn m'ghadux jarah allura m'huwiex f'posizzjoni li jghid iktar fuqu.

Qal li l-ahhar darba li kien rah kien fis-sena 2018. Dak iz-zmien kellu problema ta' abbbuz ta' droga u b'hekk anke problema dwar l-imgieba tieghu li tohrog mid-droga. Nhar il-21 ta' April 2021 xehdet **Maria Caruana** in rapprezentanza tal-Caritas. Spjegat li l-appellant kien ilu maghhom sa mill-25 ta' Frar, 2021 u haduh mill-ward tad DDU gewwa Mount Carmel. Ghamel l-ewwel hames gimghat fix-xelter suppost ghamel sitt gimghat biss pero integra ruhu tajjeb hafna u dik il-gimgha mexxewh San Blas biex jiehu aktar mill-programm.

Spjegat li is-sur Delia segwa l-gruppi ta' preparamenti ghall-programm li huwa twil tmien xhur. Mar tajjeb hafna kemm mar-residenti u kemm mal-istaff u kif ukoll ma l-istruttura mill-ewwel draha jigifieri li iqum kmieni, li jaghmel ix-xoghol li ghandu jghamel ghax huma ikunu assenjati xoghol differenti diversi fid-dar jigifieri jahslu u jsajru. Fir-rigward tas-sur Delia taf li integra ruhu tajjeb.

Qalet li kien wasal fit-tieni fazi jigifieri kien qabez dawk il-hames gimghat u f'Marzu dahal San Blas u kif stqarret li l-programm huwa twil sitt xhur go San Blas u xahrejn ohra l-Mosta dar Charles Miceli. Jigifieri minn Marzu kien jonqsu jghamel disa' xhur. Hija pprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok MC[4].

[4] Fol. 609 ta -atti

Nhar 26 ta' Ottubru, 2021 regghet xehdet **Maria Caruana** u stqarret li l-appellant kien ghadu jirrisjedi fil-programm biss pero slowjaw ftit l-avvanzi bejn fazi u ohra. Dan ghaliex meta wasal biex ikollu r-rikjesti jigifieri johrog mid-dar residenzjali u jmur god-dar tal-papa jigifieri fejn jghix normali, sfortunatament ma tantx bhalissa hemm ambjent t'armonija li wiehed jistenna. Il-papa tieghu marid u psikologikament lil Wayne din ma tghinux stante li l-missieru jafu b'sahhtu u kemm ilu fil-programm iddeterjora hafna. Minn hin ghal hin qed jistennew l-ahbar li halliena. Kienet decizjoni ta' l-istaff li f'din il-fazi Wayne jinzel naqra u ma jkomplix javvanza ma shabu l-ohra li dahlu fl-istess zmien tieghu u waslu ghar-rekwisiti. Qisu prezentement qieghed naqra stagnat ghar-raguni li l-fazi li jmiss hija naqra krucjali ghalih. Bhala staff ikun qed jara ukoll, l-istaff li jahdem mieghu jigifieri qed jara ukoll il-fatt li l-qabza bejn gewwa u fis-socjeta ghal Wayne ghadha naqra kritika u ittiehdet decizjoni li ghal issa izomm gol-programm residenzjali u ma jimxix ghal fazi li jmis. Qal li kien ser ikun hemm *repeater* ta' certu xhur prattikament l-ahhar xahrejn ha jkun hemm qisu *repeater.* Spjegat li l-appellant kien jaf li missieru mhux tajjab *healthwise* bhal issa izda meta rah b'ghajnejh altru li qalulu li missieru ma kienx sew u dan minn fuq it-telefon u altru minn kif rah b'ghajnejh. M'ghenitx. Gie emozzjonali hafna u mill-ewwel indunat. Qallha li kien mar jara lil missieru. Kien hemm hin sostanzjali u ma kienux jafu kif Wayne kien ser jirrejagixxi meta ra lil missieru f'dak l-istat ghat-tieni darba. Hemmhekk ried isaqsuh. Kuntatt bejnu u bejn missieru fil-present hemm biss it-telefon.

**Ikkunsidrat;**

L-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi s-segwenti:-

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-

Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih ilpersuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għaddipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar
minn seba' snin priġunerija.

Dan il-każ jolqot it-tieni xenarju ċjoe fil-każ ta' reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

F'dan il-każ ir-reati li tagħhom instab ħati jikkwalifikaw fit-termini tal-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u
b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

15. Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta'
nar jew splussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless tal-provi prodotti f'dan il-każ ir-rikorrent issodisfa l-grad ta' prova meħtieġ minnu biex jipprova l-estremi tal-artikolu 8(1)(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ tiegħu.

Mix-xhieda ta' Dr Roberta Holland u Maria Caruana jirriżulta li r-rikorrent kellu l-vizzju tad-droga fiż-żmien meritu għal dan il-każ, u kien anke jmur ħafna aktar lura minn hekk. Kien hemm ir-rabta meħtieġa bejn il-vizzju tad-droga tar-rikorrent u l-kommissjoni tar-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati. Dan jagħmel sens ukoll meta wieħed iqis li oġġettivament bosta drabi jkun hemm rabta bejn l-abbuż mid-droga u l-ħajja ta' kriminalita bi speċjalizzazjoni fir-reati kontra l-patrimonjubħal dik murija mir-rikorrenti. F'ċerti ċirkostanzi, dawn iż-żewġt forom t'attivitajiet illegali jassumu relazzjoni kważi simbjotika. Fil-fatt f'dan il-każ ir-rikorrent prova sal-grad rikjest minnu li r-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati tagħhom kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tiegħu.

Ir-reat ta' serq kwalifikat bil-hin, il-valur minuri l-€2329.37, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa kif ukoll il-ħsara volontarja ma humiex reati u reat kontra l-ordinanza tat-traffiku mhumiex esklużi mill-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent għamel progress sostanzjali fid-direzzjoni tar-rijabilitazzjoni tiegħu. Din il-Qorti lesta li tagħti lir-rikorrenti din l-opportunita li juri kemm verament irid li jeħles minn dan il-vizzju billi jitqiegħed għal dawk l-ordnijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Imbagħad, wara kollox, jekk dak il-Bord, wara li jeżamina l-fatti jikkonsidra li r-rikorrent mhux juri impenn jew ma jkomplix juri impenn serju lejn ir-riabilitazzjoni tiegħu, il-Bord xorta waħda jirrakkomanda li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tagħha sabiex tikkonverti lilha nnfisha għal Qorti dwar id-Droga u tipproċedi bil-kawża u din il-Qorti imbagħad tkompli bit-trattazzjoni ta' dan l-appell, li jitratta fost affarijiet oħra il-piena ta' erba' snin priġunerija skont kif mogħtija fis-sentenza appellata.

Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju l-Qorti ssib li r-rikorrent ipprova sal-grad rikjest minnu skont il-Liġi li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jissussistu fil-konfront tal-każ tiegħu, tilqa' t-talba u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lil Wayne Delia quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali nonche lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur